

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/74/KE skada fl-10 ta' Jannar 2012.

(<sup>1</sup>) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE, tad-19 ta' Lulju 1999, li tistablixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 26, p. 225).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Mons (il-Belġju) fil-25 ta' Ġunju 2013 — Ville de Mons vs KPN Group Belgium SA**

(Kawża C-346/13)

(2013/C 252/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Mons

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ville de Mons

Konvenuta: KPN Group Belgium SA

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi [(Direttiva ta' Awtorizzazzjoni)] (<sup>1</sup>) jipprojbixxi lill-awtoritajiet reġjonali milli jintaxxaw, għal raġunijiet baġitarji jew raġunijiet oħra, l-attività ekonomika tal-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet li jimmanifestaw ruħhom fuq it-territorju tagħhom permezz ta' piluni, arbli jew antenni GSM intiżi għal din l-attività?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (il-Latvja) fil-25 ta' Ġunju 2013 — Antonio Gramsci Shipping Corp. et vs Aivars Lembergs**

(Kawża C-350/13)

(2013/C 252/36)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākās tiesas Senāts

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Antonio Gramsci Shipping Corp., Apollo Holdings Corp., Arctic Seal Shipping Co. Ltd, Atlantic Leader Shipping

Co. Ltd, Cape Wind Trading Co.Ltd, Clipstone Navigation SA, Dawnlight Shipping Co. Ltd, Dzons Rids Shipping Co., Faroship Navigation Co. Ltd, Gaida Shipping Co., Gevostar Shipping Co. Ltd, Hose Marti Shipping Co., Imanta Shipping Co. Ltd, Kemer Navigation Co., Klements Gotvalds Shipping Co., Latgale Shipping Co. Ltd, Limetree Shipping Co. Ltd, Majori Shipping Co. Ltd, Noella Maritime Co. Ltd, Rażna Shipping Co., Sagewood Trading Inc., Samburga Shipping Co. Ltd, Saturn Trading Co., Taganroga Shipping Co., Talava Shipping Co. Ltd, Tangent Shipping Co. Ltd, Viktorio Shipping Co., Wilcox Holding Ltd, Zemgale Shipping Co. Ltd, Zoja Shipping Co. Ltd

Konvenut: Aivars Lembergs

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 34(1) tar-Regolament Brussell I (<sup>1</sup>) għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest tal-proċedura għal rikonoxximent ta' sentenza mogħtija minn qorti barranija, il-ksur tad-drittijiet ta' persuni li ma humiex partijiet fil-proċedura għal kawża prinċipali jista' jkun motiv ta' implementazzjoni tal-klawżola ta' ordni pubbliku prevista fl-imsemmi Artikolu 34(1) u sabiex jiġi rrifjutat li tiġi rikonoxxuta din is-sentenza barranija sa fejn din taffettwa dawn il-persuni li ma humiex partijiet fil-proċedura għal kawża prinċipali?

(2) F'każ ta' risposta affermativa għad-domanda 1, l-Artikolu 47 tal-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipji ta' ekwità fil-qasam ġudizzjarju li huma previsti hemmhekk jippermettu, fl-istabbiliment tal-miżuri kawtelatorji f'kawża, li jillimitaw id-drittijiet għall-proprietà ta' persuni li ma humiex partijiet fl-imsemmija kawża, anki jekk huwa madankollu mistenni li kull persuna li hija affettwata minn deċiżjoni dwar miżuri kawtelatorji għandha d-dritt fi kwalunkwe mument li titlob lill-qorti kkonċernata t-tibdil jew l-annullament tas-sentenza, u li tħalli f'idejn ir-rikorrenti sabiex jinnotifikaw is-sentenza lill-persuni kkonċernati?

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdiżjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Retten i Kolding (id-Danimarka) fis-27 ta' Ġunju 2013 — FOA, li qed tidher għal Karsten Kaltoft vs Komun ta' Billund**

(Kawża C-354/13)

(2013/C 252/37)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Qorti tar-rinviju**

Retten i Kolding